**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 14 ta' Marzu, 2023**

**Rikors Guramentat Nru: 882/2022 AF**

**Regnold Axiaq**

**vs**

**Alessandro Mercieca**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Regnold Axiaq, li permezz tiegħu wara li gie premess illi:

Fil-25 ta' Settembru 2020, ir-rikorrenti għamel konvenju mal-intimat li permezz tiegħu l-intimat *qua* venditur obbliga ruħu li jbiegħ, jittrasferixxi u jagħti lir-rikorrenti *qua* kompratur, il-*penthouse* internament markata bin-numru sebgħa (7) inkluż l-arja tagħha, sitwata fir-raba' sular *ossia* fil-ħames livell mill-bejt tal-garaxxijiet sottostante, formanti parti mill-blokk fi Triq Cospicua, l-Fgura, liema blokka kellha tkun żviluppata fuq is-sit bin-numru mija ħamsa u erbgħin (145) u fuq żewġ garaxxijiet adjaċenti bin-numri mija sebgħa w erbgħin (147) u mija disgħa w erbgħin (149) fi Triq Cospicua, il-Fgura. Illi l-istess fond kellu jkun lest minn kollox sal-31 ta' Diċembru 2021 kif jirriżulta mill-istess konvenju anness u mmarkat bħala **Dokument A**.

Ir-rikorrenti ħallas mal-konvenju d-depożitu ta' għoxrin elf Ewro (€20,000) b'dan illi huwa għadda s-somma ta' ħames mitt Ewro (€500) direttament lill-intimat u l-bilanċ ta' dsatax-il elf u ħames mitt Ewro (€19,500) lin-nutar Carmel Martinelli li min-naħa tiegħu obbliga ruħu li jħallas l-istess somma lill-intimat ħamest ijiem wara jiġifieri fl-ewwel (1) ta' Ottubru, 2020.

Fil-fatt in-nutar Carmel Martinelli ħallas lill-intimat is-somma msemmija ta' dsatax-il elf u ħames mitt Euro (€19,500).

Il-konvenju Dok. A kien validu sal-31 ta' Diċembru, 2021.

Fl-24 ta' Diċembru, 2021 ir-rikorrenti bagħat ittra uffiċjali lill-intimat, hawn annessa u mmarkata bħala **Dokument B**, li permezz tagħha huwa sejjaħ lill-intimat sabiex mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2021 jew jersaq għall-kuntratt ta' bejgħ ai termini tal-konvenju Dok A jew alternattivament iroddlu lura d-depożitu kollu fl-ammont ta' għoxrin elf Ewro (€20,000) li huwa kien ħallsu u l-imgħax relattiv mid-data tal-istess konvenju.

L-intimat baqa' kompletament inadempjenti u la resaq għall-kuntratt finali u lanqas ħallas lura lir-rikorrenti l-ammont ta' għoxrin elf Ewro (€20,000) li kien tħallas mal-konvenju.

Sal-lum l-intimat baqa' qatt ma ħallas xejn lir-rikorrenti u lanqas għadda għall-kuntratt finali abbażi tal-konvenju Dok A.

Ir-rikorrenti jiddikjara li huwa jaf dawn il-fatti personalment (**Dokument D – affidavit tar-rikorrenti).**

Peress illi l-ammont ta' għoxrin elf Ewro (€20,000) u l-imgħaxijiet relattivi huma dovuti mill-intimat lir-rikorrenti, u l-intimat m'għandu l-ebda eċċezzjoni xi jressaq għat-talba tar-rikorrenti, din il-kawża tista' tiġi deċiża bil-proċedura tal-giljottina.

Ghalhekk, jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-Ligi a tenur tad-disposizzjonijiet tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici tal-Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smigh taghha.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Taqta' u tiddeċiedi l-kawża odjerna a tenur tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u ċioè bid-dispensa tas-smiegħ tal-kawża;

2. Prevja kull dikjarazzjoni mehtiega skont il-Ligi, tikkundanna lill-intimat sabiex jrodd u jagħti lura lir-rikorrenti l-ammont ta' għoxrin elf Ewro (€20,000) dovuta kif fuq inghad.

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali numru 5701/21 preżentata fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fl-24 ta' Diċembru 2021 u tal-ittra uffiċjali numru 7/22 preżentata fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, u bl-imgħaxijiet legali relattivi mid-data tal-konvenju u cioè mill-25 ta' Settembru, 2020 sad-data tal-pagament effettiv, ilkoll kollha kontra l-konvenut li huwa minn issa nġunt sabiex jidher għas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat li Alessandro Mercieca, minkejja li gie debitament notifikat, baqa' ma deherx biex iwiegeb ghall-kawza.

Fic-cirkostanzi, ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba kif dedotta;

2. Tilqa' t-tieni talba u tikkundanna lil Alessandro Mercieca jhallas lil Regnold Axiaq is-somma ta' ghoxrin elf Ewro (€20,000), bl-ispejjez u imghaxijiet kif mitlub fir-rikors promtour.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Alessandro Mercieca.

IMHALLEF

DEP/REG